# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

Data tal-laqgħa: 18 ta' Ġunju, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2020 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. billi ntqalet it-talba.

**20/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**20/01/01** Ma kienx hemm.

**20/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 18 u 19**

**20/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**20/02/02** **Para 18/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għadna qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**20/02/03** **Para 18/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali.

**20/02/04** **Para 18/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**20/02/05** **Para 18/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**20/02/06** **Para 18/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jaħdem fuq dokumenti oħra li jridu jidħlu mal-applikazzjoni biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund) għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**20/02/07** **Para 18/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl saru imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**20/02/08** **Para 18/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech qed jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**20/02/09** **Para 18/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta minn Transport Malta fuq it-talba għal *sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's.

**20/02/10** **Para 18/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**20/02/11** **Para 18/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq il-fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**20/02/12** **Para 18/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**20/02/13** **Para 18/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana ser jinstalla 2 CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna. Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Reġjun dalwaqt ser joħroġ *tender*, il-*cameras* ser ikunu ta' kwalità u li manutenzjoni tagħhom hija għalja. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt ma' Reġjun Tramuntana sabiex tkun taf kemm hija l-ispiża.

**20/02/14** **Para 18/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Keep Clear* quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio ħa ssir wara li titlesta triq.

**20/02/15** **Para 18/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' quddiem Apex B fi Vjal ir-Repubblika saret.

**20/02/16** **Para 18/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ tabelli għal Triq Għaxqet l-Għajn illi iwissu minn xi ġebel li jista' jaqa' minn ħajt tas-sejjieħ saru.

**20/02/17** **Para 18/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' ħdejn il-Fusinu fi Triq Stiefnu Zerafa saret.

**20/02/18** **Para 18/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Vjal ir-Repubblika k/m Triq Vendome saret.

**20/02/19** **Para 18/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *open board* għal ħdejn l-Għassa tal-Pulizija.

**20/02/20** **Para 18/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

**20/02/21** **Para 18/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat mera fuq *pole* għal Triq Santa Katerina qrib Quarry 5.

**20/02/22** **Para 18/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ *picnic benches* għat-tfal (Ġnien il-Paċi).

**20/02/23** **Para 18/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ispiża biex isir *bust* tas-Soċju Guido Tanti li għal snin twal serva bħala Superjur fil-Museum tlaħħaq madwar €16,000. Il-Kunsilliera qablu li l-ispiża

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


hija għalja wisq. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Kunsill ta' qabel kien ħareġ bl-idea li l-librerija l-ġdida tissemma' għalih. Kien hemm qbil unanimu.

**20/02/24** **Para 18/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika sabiex issir statwa ġdida ta' San Bert fuq pedestall fi Triq Mons. Luigi Catania k/m Triq 31 ta' Marzu, Għargħur, imma l-permess għadu ma ħareġx.

**20/02/25** **Para 18/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**20/02/26** **Para 18/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' quddiem Ta' Katarin, fi Triq Dun Karm Fenech saret.

**20/02/27** **Para 18/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Jesmond Aquilina se jirranġa t-tarjola tal-arblu tal-monument tal-pjazza u l-ħabel se jiġi itwal.

**20/02/28** **Para 18/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kkuntattjana lil Charlie Mifsud biex jieħu ħsieb it-tisqija.

**20/02/29** **Para 18/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm.

**20/02/30** **Para 18/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabelli biex in-nies isuqu bil-mod waslu.

**20/02/31** **Para 18/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx l-istima mingħand il-Micamed biex il-bozoz ta' Triq San Bartilmew isiru LED. Is-Sur Christopher Fenech qal li *zebra crossings* ilhom żmien ma jaħdmu u li ma jistgħux jibqgħu mitfija. Is-Sindku qalet li ser tiltaqa' mal-Kuntrattur biex dawn isiru malajr kemm jista' jkun.

**20/02/32** **Para 18/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1.5 *Keep Clear Bay* ta' numru 17, Triq San Bartilmew tneħħiet.

**20/02/33** **Para 18/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar *double yellow line* quddiem il-bieb tad-dar numru 3, fi Triq Ferdinandu peress li ma hemmx bankina.

**20/02/34** **Para 18/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew ġiet ixxiftjatha.

**20/02/35** **Para 18/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiġbor l-istimi għal *bollards* ġodda ħdejn żvilupp fil-kantuniera ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**20/02/36** **Para 18/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*rubber humps* fi Triq Stiefnu Zerafa, Triq l-Indipendenza u Triq San Bartilmew ma jistgħux isiru jekk ir-residenti ma jriduhomx wara l-bieb tagħhom.

**20/02/37** **Para 18/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti ta' Triq Dun Karm Vella ma qablux li triq tiġi *one-way* (tinżel minn Triq 31 ta' Marzu). Kien hemm qbil li triq tibqa' kif hi.

**20/02/38** **Para 18/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' *searchlight battery*) saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**20/02/39** **Para 18/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbiet għal mirja fiż-żona ta' Xwieki għandhom jiġu diskussi wara li jiġi implimentat l-immaniġġjar tat-traffiku.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**20/02/40** **Para 18/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġejna mitluba mill-bdiewa biex għalissa ma jingħatax konkos fi sqaq fi Triq tal-Ferħa.

**20/02/41** **Para 18/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lil Kunsill Lokali tan-Naxxar rigward il-ħafna ħaxix ħażin li hemm fi sqaq wara t-Torri ta' Semaforu.

**20/02/42** **Para 18/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Cat feeder's* ma qablux li jsir *shelter* għal qtates fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**20/02/43** **Para 18/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser toħroġ sejħa għal knis tat-toroq.

**20/02/44** **Para 18/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Lanċiritka kif ukoll Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard ħa ssir nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju 2020.

**20/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**20/03/01** Is-Sindku qalet li nhar il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2020 ser isir 'Jum il-Għargħur'. Fis-6:15pm tibda l-quddies ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokkjali. Imbagħad fit-8:00pm ser ikun hemm serata mużikali f'Misraħ il-Knisja bil-parteċipazzjoni ta' Spiteri Lucas Entertainment.

**20/03/02** Is-Sindku qalet li din is-sena l-festa ma tistax tiġi iċċelebrata bħas-snin ta' qabel minħabba r-restrizzjonijiet tal-coronavirus (COVID-19). Għaldaqstant ġie deċiż li nagħmlu liedna u fustun fi Triq San Bartilmew (mill-*club* tal-*football* sa Misraħ il-Knisja), Misraħ il-Knisja u d-dawra tal-Knisja nkluż Triq id-Dejqa u Triq il-Wiesgħa. L-armar ser jinxtegħel bejn il-Ħamis 20 t'Awwissu u t-Tnejn 24 t'Awwissu (iż-żewġ dati inklużi) bejn is-7:00pm u -12:00am. Barra minn hekk, ser niġbru stimi biex isir *feature* qasir u animat fuq il-festa u li mbagħad jintwera f' Misraħ il-Knisja. Kien hemm qbil unanimu.

**20/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**20/04/01** Ma kienx hemm.

**20/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**20/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 ta' Mejju 2020).

**20/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Dennis Pullicino (*Transient Light and Sound*) – Architectural lighting.

**20/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Ġunju 2020).

**20/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Ġunju 2020).

**20/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur George Abdilla fuq *Slow Streets Project*. Ir-Reġjun Tramuntana ħa jkun qed jgħin lil dawk il-Kunsilli li ser jieħdu sehem f'dan il-proġett. Barra minn hekk, ir-Reġjun se joħroġ sejħa għal servizz ta' Perit / *Urban Planner*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta peress li Reġjun Tramuntana ħa jgħinna finanzjarjament.

**20/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava fuq *Slow Streets Project*.

**20/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2020/063 Ġbir ta' skart riċiklabbli. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibqa' juża s-servizz tal-GreenPak Coop għal ġbir ta' skart riċiklabbli.

**20/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta fejn qed titlob li fi Triq in-Naxxar jsiru *dog bins* u tabelli biex is-sidien tal-klieb jirrispettaw ir-residenti u jiġbru l-ħmieġ tal-klieb. Hi talbet sabiex nieħdu ħsieb ukoll il-parti pedonali (għax m'hemmx aktar aċċess għat-triq minn Triq tal-Balal). Barra minn hekk, spiss ikun hemm ukoll ħmieġ taż-żwiemel. Hi talbet li l-Kunsill jeduka lis-sewwieqa fuq dan l-aspett. Ġie deċiż li nżidu bin u tabelli biex in-nies iżommu l-post nadif.

**20/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Inġ. Adrian Gatt rigward *posters* fuq is-siġra tal-għargħar; siġra tal-ħarrub; siġra tal-lewż; The 'Wied Anġlu' Project u Wied Anġlu. Ġie deċiż li ssir tabella waħda li tgħid li din iż-żona qed tiġi miżmuma minn The Grow 10 Trees Project.

**20/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Glorianne Grima fuq *Active Ageing Opportunity*. Ġie deċiż li nirreġistraw l-interess tagħna f'din l-inizjattiva u li nitolbu laqgħa magħhom.

**20/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava - Cir AKL 2020/071 – LCA Summer BBQ 24/07/2020.

**20/05/12** Ġiet innutata *quotation* mill-Perit Chris Grech fuq PA3336/17 għal *3d model, video, eye level photomontages, aerial photography & aerial photomontages*. Is-SE qalet li għalissa aħjar nistennew sakemm ikollna konferma konkreta fuq dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Ġunju 2020).

**20/05/14** Fuq it-talba ta' residenta għal tabelli ta' *speed limit / zebra crossing* fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill qabel li diġà hemm tabella li turi l-*speed limit*. Barra minn hekk, ħa ssir biż-żebgħa mal-art.

**20/05/15** Fuq it-talba ta' resident għal tabella tal-MC fi Triq Stiefnu Zerafa (faċċata tal-ground tal-football). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**20/05/16** Fuq it-talba ta' residenta għal mera fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**20/05/17** Fuq it-talba ta' residenta għal *sleeping police* jew *sign go slow* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu viċin *Demar Residence*. Ġie deċiż li nsaqsu lir-residenti jekk iriduhiex. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/18** Fuq it-talba ta' residenta għal *pot* ġdid fi Sqaq Numru 1 fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-pjanta għadha tajba u li jekk ir-residenta ma tridhiex nagħmluha x'imkien ieħor.

**20/05/19** Fuq it-talba ta' residenta biex tħawwel fjuri ħdejn id-dar numru 71 fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/20** Fuq it-talba ta' residenta għal *parking bays* fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**20/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal MC *bay* fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**20/05/22** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* quddiem Sqaq il-Qiegħed mal-ħajt tal-għalqa. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**20/05/23** Fuq it-talba ta' residenta biex Triq il-Qiegħed ma tkunx *one-way* u tkun tista' toħroġ minn ġo Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/24** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li l-Kunsill joħroġ fuljett f'Awwissu. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/25** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir bozza ġdida fi Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina qal li peress li Triq San Bartilmew il-biċċa t'isfel saret *one-way*, hemm xi tabelli u sinjali li għandhom jitneħħew. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tmur fuq il-post ħa tara x'hemm bżonn li jsir.

**20/05/27** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nerġgħu niżbgħu c-*central strip* ta' quddiem l-Oratorju. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/28** Is-Sur Carl Grech qal li l-Cleansing and Maintenance Division huma lesti li jipprovdu CCTV *camera* għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/29** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nitolbu lil GO sabiex ineħħi arblu li mhux qed jintuża u barra minn hekk, id-*double yellow line* jitgħatta. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/30** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex il-bozza li qeda fit-Triq tal-Balal ħdejn ir-*roundabout* biex tidħol fi Triq Santa Katerina tersaq fil-kantuniera. Bħalissa din il-bozza qeda ġo siġra u bil-kemm tidher. Kien hemm qbil li tiġi ixxiftjatha.

**20/05/31** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-ħaddiema mid-District Office għadhom ma ġewx jagħmlu l-ħajt ta' Triq San Bartilmew. Is-Segretarju Eżekuttiv ser terga' tagħmel kuntatt magħhom.

**20/05/32** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li fejn hemm il-ġandott ta' Triq il-Ġnien isiru *flexible bollards*. Is-Sindku qalet li jkun aħjar jekk isiru kaptelli tal-konkos għax iservu iktar fit-tul. Dan ix-xogħol jiġi jiswa madwar €3,800. Is-Sur Fenech qal ukoll li hemm bżonn nordnaw *cats-eyes* biex jeħlu mal-*crash barrier* li tinsab fl-istess triq. Kien hemm qbil unanimu li jsiru l-kaptelli tal-konkos u l-*cats-eyes*.

**20/05/33** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-Sur Charlie Mifsud bħalissa qed jaqta' l-ħaxix ħażin tal-isqaqien rurali. Barra minn hekk, neħħa l-ħaxix ħażin li kien hemm fi Ġnien il-Paċi, fil-Ġnien ta' Żagħruna u l-Ġnien tal-Ponta u ser jixtri żewġ pjanti ġodda. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir *information panel* fi Ġnien il-Paċi fuq l-Għajn tal-ilma. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/35** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li napplikaw ma' Transport Malta sabiex il-*bus stop* ta' Triq San Bartilmew jiġi ħdejn il-Knisja u jsir *bus shelter* żgħir u prattiku. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/36** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa saqsi lid-Dentist jekk jaqbelx.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**20/05/37** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nitkbu lil Transport Malta sabiex isir *central strip* ċatta fi Vjal ir-Repubblika, dan sabiex kulħadd iżomm in-naħa tiegħu. Kien hemm qbil unanimu.

**20/05/38** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir bieb tal-*gypsum* qabel ma titla' t-taraġ għas-Sala tal-Komunità, dan sabiex inaqqas l-storbju fl-Uffiċċju Amministrativ meta jsiru attivitajiet soċjali. Kien hemm qbil unanimu.

**20/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**20/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**20/07** **Konferma tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-Tenders – *Tender for the leasing of one (1) low emission self-drive 5-seater vehicle by the Ħal Għargħur Local Council u Tender for the street sweeping in the locality of Ħal Għargħur using low emission service vehicle***

**20/07/01** Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn Carl Grech bħala ic-Chairperson, Helene Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala Segretarju.

**20/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**20/08/01** Il-laqgħa spiċċat fid-8:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**